MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Numru 77777/2004

**IL- PULIZIJA**
(Spettur Mario Tonna)

vs

**DAVID GALEA**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi David Galea ta’ 22 sena mwieled Pieta’ nhar is- 7 ta’ Marzu 1982 bin Alfred u Maria nee Gatt residenti gewwa Doreen Flat No. 1, Triq San Albert, Gzira. Detentur ta’ Karta tal-Identita Nru. 163682M.

Talli illum 16 ta’ Gunju 2004 ghall- habta ta’ 10.45am gewwa Triq San Gorg, San Giljan:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna

inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghal- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghti skond il- ligi mill- awtorita kompetenti u cioe fuq il- persuni ta’ Warden G005 Darren Decelis ai terminu tal- artikoli 92 u 96 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna inkarigata skond il- ligi minn servizz pubbliku li kien qed jghamel jew minhabba li kien ghamel dan is- servizz jew bil- hsieb li jinfluixxi jew ibezzgha fuqu kontra il- ligi fl- esekuzzjoni ta’ dan is- servizz u cioe’ fuq il- persuna tal- Istess ufficjal pubbliku imsemmi fl- ewwel Akkuza u dan ai terminu tal- artikolu 95 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi hfief fuq l- istess persuna ta’ Darren Decelis ufficjal pubbliku skond kif iccertifika Dr. C. Mercica tac- centru tas- sahha tal- Gzira u dan ai terminu tal- artikolu 221 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli fl- istess data, gewwa Triq Paceville, San Giljan, ma obdiex l- ordnijiet legittimi moghtija lilu mill istess imsemmi Warden u dan ai terminu tal- artikolu 338 (ee) tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

5. U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni u l- paci pubblika b’ ghajjat u glied u dan ai terminu tal- artikolu 338 (dd) tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fis- seduta ta’ llum l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u rega tenna wara li l- Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.

Issibu Hati.

Rat l- artikoli 92 u 96 u 17 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, ssibu hati tar- reati taht dawn l- artikoli, l- artikoli l- ohra huma assorbiti taht l- imsemmija artikoli.

Tikkundanah mitejn lira multa (Lm 200) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur min illum.

Rat it- talba tal- prosekuzjoni a tenur ta’ l- artikolu 383 tal- Kapitlu 9, tilqaghha u biex tipprovdi ghas- sigurta ta’ Darren Decelis torbot lil hati b’ obbligazjoni tieghu innifsu ghal sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------